**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, sittax (16) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 133/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Bernard Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Bernard Camilleri** ta' dsatax (19)-il sena, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 7903(H), talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2022, għall-ħabta ta' siegħa neqsin kwart ta' filgħodu (00:45hrs), fi Triq l-Imġarr, Xewkija, waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota u bin-numri ta' reġistrazzjoni HRD 777:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-

persuna ta’ Daniel Azzopardi, skond kif iċċertifika Dr. Indika Thilan Perera mill-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, saq l-imsemmija vettura bil-mutur, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuraġni, u b’mod perikoluż;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni TWO 885 tal-għamla Suzuki, għad-detriment ta’ Dennis Azzopardi;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, waqt li kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura, eċċeda l-limitu ta’ velocita’.[4]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija tissospendi lill-ħati minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha li hu xieraq.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta’ esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet dwar ir-reati mertu tal-akkużi odjerni, ai termini ta’ l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta’ Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta’ Kawżi u Doveri maħruġa ai termini

[1] Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[2] Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[3] Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[4] Artikolu 127(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta’ Malta.

tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra illi fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Mejju 2023 il-Qorti laqgħet it-talba biex din il-kawża tinstema' kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Daniel Azzopardi*** (Kawża Numru 134/2023) b'mod illi x-xhieda meħuda u l-provi japplikaw għaż-żewġ kawżi;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2022 il-Pulizija tal-Għassa tar-Rabat (Għawdex) ġew infurmati mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex li kien għadu kif seħħ inċident stradali fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex bejn żewġ vetturi u li xi persuni kienu indarbu per konsegwenza ta' dan l-inċident. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn irriżulta illi kien seħħ impatt bejn Suzuki Swift bin-numru tar-reġistrazzjoni TWO 885 li allegatament kienet

qed tinstaq minn Daniel Azzopardi u Toyota Starlet bin-numru tar-reġistrazzjoni HRD 777 li allegatament kienet qed tinstaq mill-imputat Bernard Camilleri. Bl-impatt qawwi li seħħ bejn iż-żewġ vetturi, il-karozza Suzuki Swift kompliet miexja sakemm ħabtet ġo ħajt tas-sejjiegħ u reġgħet għamlet *rebound* u spiċċat fin-nofs ta' triq filwaqt li t-Toyota baqgħet nieżla 'l isfel fit-triq lejn id-direzzjoni tar-Rabat, Għawdex . Bħala passiġġier mal-imputat Bernard Camilleri kien hemm Gwann Apap filwaqt li Daniel Azzopardi kien waħdu. Riżultat tal-inċident, Daniel Azzopardi soffra ġrieħi gravi u għal xi ħin kien anke fil-periklu tal-mewt. Iż-żewġ vetturi soffrew wkoll ħsarat estensivi konsegwenza tal-impatt li seħħ bejniethom.

Ikkunsidrat;

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija fl-akkużi li qed jiġu addebitati lill-akkużat, il-prova madre li trid issir huwa l-prova li fil-ħin tal-inċident l-akkużat kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni HRD 777. Fin-nuqqas ta' tali prova, jkun inutili li din il-Qorti tinoltra ruħha fuq aspetti oħra tal-akkużi.

Minn eżami tal-affidavit ta' PS 698 Shaun Tabone[5] jirriżulta li hekk kif il-Pulizija marru fuq il-post tal-inċident, huma mill-ewwel bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom u ħadu wkoll tal-verżjonijiet tal-partijiet involuti. Fuq il-post il-Pulizija kellmu lill-imputat Bernard Camilleri. Jidher pero li qabel mal-Pulizija kellmu lil Bernard Camilleri, **huma ma tawhx id-drittijiet legali tiegħu preċiżament id-dritt tas-silenzju u d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat tal-fiduċja tiegħu u li l-istess Avukat jkun preżenti għal kull dikjarazzjoni li jista' jagħmel**. Lanqas ma rriżulta li l-istess Bernard Camilleri irrinunzja għal tali drittijiet. L-affidavit ta' PS

[5] Fol. 50 tal-proċess; Dokument JG 5.

698 Shaun Tabone huwa kompletament sajjem minn dan kollu. Għalhekk dak li l-imputat Bernard Camilleri seta' qal lill-Pulizija x'ħin marru fuq il-post ma jistax jittieħed bħala prova.[6] Għalkemm wkoll dak il-ħin il-Pulizija tkellmu ma' Ġwann Apap u aktar tard ma' Daniel Azzopardi li kien għadu l-Isptar Ġenerali, ħadd minnhom ma identifika li l-imputat kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HRD 777. Li kieku l-provi tal-Pulizija kienu jikkonsistu biss f'dan l-affidavit, din il-Qorti kienet tqis li l-prova tas-sewqan tal-vettura HRD 777 ma kinitx tkun saret. Dan pero ma kienx il-każ.

Sussegwentement pero fis-sbatax (17) ta' Diċembru 2022, il-Pulizija bagħet għall-imputat Bernard Camilleri fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex sabiex jagħti l-istqarrija tiegħu rigward dan il-każ. Qabel ma' itteħditlu l-istqarrija, l-imputat ingħata d-drittijiet legali tiegħu. Infatti huwa kien talab li jkollu miegħu preżenti lil-legali tal-fiduċja tiegħu Dr Deborah Camilleri għall-istqarrija. Fl-istqarrija Bernard Camilleri għażel li jwieġeb għall-mistoqsijiet kollha li sarulu u tul il-kors ta' din l-istqarrija **huwa ammetta li kien qed isuq il-vettura HRD 777 fil-ħin tal-inċident u li Ġwann Apap kien passiġġier miegħu fl-istess vettura**:

> *"M: Tista' tispjega x'ġara fit-12 ta' Novembru 2022 għall-ħabta tas-00.45hrs ?*
>
> *T: Bażikament jiena kont Għajnsielem mal-ħbieb. Fin-nofs siegħa ta' filgħodu tlaqt minn Għajnsielem minn fejn kont fil-parking ta' qabel in-niżla li twasslek għall-bajja tax-Xatt l-Aħmar, bil-vettura tiegħi Toyota Starlet Bajda HRD 777,*

[6] Fol. 50 tal-proċess.

*tlaqt ma' sieħbi Ġwann Apap, jiena kont xufier u hu kien passiġġier miegħi fuq quddiem. Konna se ninġabru d-dar u Ġwann qalli tridx immorru l-aħħar dawra. Jiena kont se immur l-aħħar dawra, it-tnejn li aħna mix-Xewkija, kont għaddej Mġarr Road, Xewkija, minn fejn il-mitħna, qbiżt ir-roundabout, u xi ħaġa lejn qabel iz-zebra crossing, rajt vettura ħierġa. Minn dak il-ħin m'għandhix idea x'ġara.*

*M: Ngħid sew li kien hemm impatt bejnek u bejn il-vettura l-oħra ?*

*T: Iva.*

*M: X'ħin rajt il-vettura l-oħra x'għamilt inti ?*

*T: Jiena żammejt il-break."*[7]

Kien biss meta xehed quddiem l-espert Dr Mario Buttigieg kif wkoll quddiem din il-Qorti,[8] li l-akkużat ipprevalixxa ruħu mid-dritt tas-silenzju.

Il-Qorti ma tistax tinjora dak li l-akkużat b'mod volontarju iddikjara waqt l-għoti ta' dik l-istqarrija, aktar u aktar meta tali stqarrija għamilha wara li hu kien ġie mogħti d-drittijiet legali kollha tiegħu u waqt l-istess stqarrija huwa kien debitament assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu. Il-Qorti għalhekk tqis li bil-fatt li l-Prosekuzzjoni esebiet din l-istqarrija u d-difiża bl-ebda mod u manjiera

[7] Fol. 58 tal-proċess.
[8] Huwa kien ġie imsejjaħ biex jixhed bħala parte civile fil-kawża Il-Pulizija vs Daniel Azzopardi fis-seduta tas-19 ta' Settembru 2023.

ma ikkontestat il-validita tal-istess stqarrija, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li fil-mument tal-inċident l-akkużat kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni HRD 777.

- **It-Tieni Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65**

Il-Qorti sejra tibda l-ewwel biex teżamina t-tieni akkuża u ċioe dik li tikkonċerna t-tip ta' sewqan tal-akkużat Bernard Camilleri. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Alfred Mifsud***[9], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) irriteniet hekk b'riferenza għall-artikolu 15(1)(a):

> *"… … Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utli li wieħed jiddistingwi bejn is-sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluż imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) (reckless driving, negligent driving u dangerous driving fit-test Ingliż). Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan "bi*

[9] Deciza fis-6 ta 'Mejju 1997 per l-Imhallef Vincent Degeatano

*traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-ħin u l-lokalita tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment sewqan f'kull kaċ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Din il-Qorti tinnota li mir-rapport tal-espert tekniku Dr Mario Buttigieg jirriżulta li fil-mument ta' qabel l-impatt l-vettura li kienet qed isuq l-imputat kienet għaddejja b'veloċita ta' madwar mija u tlett kilometri fis-siegħa (103km/fs). Dan irriżulta mill-fatt li l-vettura Toyota HRD 777 ħalliet sett ta' brejk marks li kienu twal 41.36metri kif wkoll waqfet 14.402 metri minn fejn seħħet il-

kollizjoni mal-vettura Swift. Dan meta l-veloċita permessibbli f'dawk l-akkwati hija ta' ħamsin kilometru fis-siegħa (50km/fs) hekk kif speċifika l-espert tekniku Dr Mario Buttigieg fir-rapport tiegħu.[10] Dan ifisser għalhekk li Bernard Camilleri kien qed isuq bid-doppju tal-veloċita konsentita f'dawk l-akkwati fil-mument li seħħ l-inċident. Din il-veloċita ssib konferma wkoll fil-qawwa tal-impatt li seħħ. Bid-daqqa tal-vettura HRD 777 il-vettura l-oħra spiċċat ħabtet mal-ħajt u għamlet *rebound*.

Wieħed irid wkoll jżomm f'moħħu wkoll l-post fejn seħħ l-inċident: il-vettura Toyota kienet għadha kemm ħierġa minn ma' roundabout. Infatti kif iddikjara l-akkużat waqt l-istqarrija tiegħu huwa kien ġej mid-direzzjoni ta' Għajnsielem u kien sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat, Għawdex.

F'sitwazzjoni normali sewwieq prudenti li joqrob lejn ir-roundabout, huwa obbligat li jnaqqas il-veloċita b'mod li huwa jkun jista' jieqaf jekk ikun hemm xi ħadd qed idur mar-roundabout. F'dan il-każ ma jidhirx li Bernard Camilleri naqqas il-veloċita; anzi kompla għaddej bl-istess veloċita li kien għaddej biha nonostante kien hemm din ir-roundabout. Dan huwa konfermat b'mod partikolari mir-ritatt meħud mill-Perita Cornelia Tabone a fol. 122 tal-proċess minn fejn jirriżulta li l-break marks bdew eżatt minn mar-roundabout. Tenut kont it-*thinking distance* neċessarja biex l-akkużat għafas il-brake, ma setax ikun li l-akkużat tella' din il-veloċita wara li kien qabeż ir-roundabout.

Konferma ulterjuri tal-fatt li l-akkużat daħal fir-roundabout b'veloċita elevata jagħtiha l-passiġġier Gwann Apap, li kien mal-akkużat fl-istess vettura. Fid-

[10] Fol. 185 tal-proċess.

deposizzjoni li Apap ta quddiem l-espert tal-Qorti Dr Mario Buttigieg huwa jistqarr is-segwenti:

> *"Irkibt ma' Camilleri u dħalt fil-vettura tiegħu li hija ta' għamla Toyota mudell Starlett ta' kulur bajda. Konna sejrin lejn id-direzzjoni tar-Rabat.* ***Waqt li konna għaddejjin mit-triq prinċipali kien għaddej b'saħħtu iżda ma nafx kemm kien għaddej bħala veloċita. Kif dar mar-roundabout ma nafx b'liema gear dar. Ngħid li dawwar b'saħħtu mar-roundabout u kif qbiżna r-roundabout rajt vettura ta' kulur aħmar ħierġa mit-triq sekondarja u ċioe fejn hemm il-fabbriki. Kif Bernard Camilleri lemaħ il-vettura ħierġa huwa għafas il-brejks****."*[11] (Enfażi tal-Qorti)

Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li s-sewqan tal-akkużat kien wieħed li kien bla kont. L-akkużat mhux biss injora r-regolamenti tat-traffiku fejn naqas li josserva l-limiti tal-veloċita; iżda saħansitra ħa deliberatament riskji li ma kellux għalfejn jieħu. Din il-Qorti tqis li ma kellux għalfejn jidħol għal roundabout b'dik il-veloċita u jinjora l-fatt li setgħu jkun ġejjin vetturi min-naħa tal-lemin tiegħu li kellhom id-dritta li jgħaddu jekk ikunu qabdu r-roundabout; il-fatt li għamel hekk ħa riskji li ma kellux għalfejn jieħu. Tali veloċita wasslet sabiex meta rinfaċċjat b'ċirkustanzi subtanei u inaspettati l-akkużat spiċċa ma kienx fil-posizzjoni li jikkontrolla l-vettura tiegħu u għalkemm għamel azzjoni evasiva, l-inċident seħħ xorta waħda. Kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Spiteri***:[12] *"Driver ta' karozza għandu inegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm*

---

[11] Fol. 183 – 184 tal-proċess.

[12] Deċiża fil-21 ta' Mejju 1960

*a proper lookout għall-vejikoli, pedestrians, u road-users oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu."* Il-Qorti osservat wkoll li *"ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati."*

Din il-Qorti pero ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi is-sewqan tal-akkużat kien jammonta għal sewqan perikoluż, anke tenut kont tal-ħin li fih seħħ l-inċident stradali fejn it-traffiku kien minimu u ma kienx hemm nies li kienu għaddejjin fit-triq. Din l-akkuża għalhekk tirriżulta biss in kwantu l-akkużat kien qed isuq il-vettura tiegħu bi traskuraġni u bla kont.

- **<u>Ir-Raba' Akkuża – Regolament 127(1) tal-L.S. 65.11</u>**

Għar-rigward ir-raba' akkuża u ċioe dik li l-akkużat eċċeda l-limiti tal-veloċita, fid-dawl ta' dak ikkonstatat fir-rigward tat-tieni (2) akkuża, din tirriżulta pruvata wkoll. Pero għall-fini ta' piena l-Qorti sejra tikkunsidraha bħala kompriża u involuta fit-tieni (2) akkuża.

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9.</u>**

Fir-rigward ta' din l-akkuża, Camilleri qed jiġi akkużat li involontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Azzopardi. Biex tirriżulta din l-akkuża huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet

simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[13]

Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmel Grech*** fejn ingħad illi:

> *"Meta bniedem jqiegħed lilu nniffsu f'posizzjoni ta' perikolu u jiġi ferut huwa jkun negliġenti. Imma jekk min ferih kien negliġenti, wkoll dan jibqa' ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negliġenza tal-offiż kienet biss kontributorja u mhux għal kollox kawża unika u determinati ta' dak li ġara."*

Dan in linea mal-prinċipju li f'sede kriminali kulħadd iwieġeb għall-aġir tiegħu sakemm dak li jiġri ma jkunx dovut unikament w esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' terzi.[14]

Mill-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti aktar qabel f'din is-sentenza, huwa ċar li l-akkużat ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku u kien traskurat ħafna fis-sewqan tiegħu. Għalkemm il-parte civile wkoll kien responsabbli u ikkontribwixxa għall-inċident li seħħ peress li ħareġ minn fuq stop sign meta kienet ġejja vettura b'veloċita elevata, din il-Qorti ma tqis li dan in-nuqqas tal-

---

[13] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

[14] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax(16) ta' Marzu 1961 u **Il-Pulizija v John Polidano** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Novembru 1963.

parte civile kien il-kawża unika u esklussiva tal-inċident. Bla dubju kien fattur kontributorju qawwi għall-inċident iżda ma kienx il-kawża unika tal-inċident. Li kieku l-akkużat kien qed isuq fil-parametri tal-liġi, x'aktarx li kien ikollu l-possibilita li huwa jikkontrolla l-vettura tiegħu hekk kif rinfaċċjat b'emerġenża subitanea. L-azzjoni evasiva li huwa għamel kienet x'aktarx tirnexxi. Il-fatt pero li l-akkużat kien qed isuq bid-doppju tal-veloċita konsentita lilu f'dawk l-akkwati u lanqas ma jidher li huwa naqqas il-veloċita meta qorob lejn ir-roundabout, poġġewh f'sitwazzjoni fejn huwa effettivament ma setax jikkontrolla l-vettura tiegħu u waslet għall-impatt qawwi bejn iż-żewġ vetturi. Din in-negliġenza tal-akkużat wasslet sabiex ġew kaġunati feriti fuq il-persuna tal-parte civile.

Mill-provi irriżulta wkoll li l-feriti sofferti mill-parte civile kienu feriti ta' natura gravi. Dan ġie konferma mill-espert medikolegali Dr Edward Basile Cherubino. Skont l-istess espert il-parte civile Daniel Azzopardi soffra ġrieħi ta' natura gravi minħabba: *"pulmonary contusion in the right middle lung lobe as well as a fracture of the 1st costal cartilege that extended to the left margin of the manubrium at the level of the articular surface."*[15] Infatti l-istess parte civile kellu jiddaħħal fil-*Critical Care Unit* tal-Isptar Ġenerali għall-osservazzjoni. Dan huwa indikattiv li l-ġrieħi sofferti setgħu ġabu perikolu tal-ħajja jew inkella ta' debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem. Infatti fiċ-ċertifikat mediku li ġie rilaxxat minn Dr Indika Thilan Perera fil-ħin ta' wara l-inċident, il-parte civile kien għal xi ħin anke fil-perikolu tal-mewt.[16] L-ewwel akkuża irriżultat pruvata wkoll.

- **It-Tielet Akkuża – Artikolu 328(d) tal-Kap. 9**

[15] Fol. 89 tal-proċess.
[16] Fol. 6 u 7 tal-proċess.

L-akkuża kontemplata taħt l-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tirrikjedi l-kwerela tal-parti offiża sabiex jkunu jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-persuna responsabbli. Fir-rigward ta' din l-akkuża għalhekk kienet rikjesta l-kwerela ta' Dennis Azzopardi, sid il-vettura tal-għamla Suzuki bin-numru tar-reġistrazzjoni TWO 885. Il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Mejju 2024, Dennis Azzopardi iddikjara li huwa ma kellux interess f'dawn il-proċeduri u b'hekk effettivament irrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat.[17] Tali rinunzja għalhekk wasslet sabiex l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' din l-akkuża tiġi estinta.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Għall-fini ta' piena għal dak li jirrigwarda l-akkużi li tagħhom l-akkużat sejjer jinstab ħati din il-Qorti sejra tikkunsidra s-segwenti:

(a) Fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Mejju 2023, il-parte civile iddikjara li fir-rigward tal-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat Bernard Camilleri huwa kien qiegħed jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli. In vista tan-natura tal-akkużi addebitati lill-imputat, din ir-rinunzja ma tistax twassal sabiex tiġi estinta l-azzjoni kriminali kif *del resto* ġara fil-każ ta' Daniel Azzopardi. Pero l-Qorti xorta sejra tqis din ir-rinunzja bħala **<u>fattur determinanti għall-kalibrazzjoni tal-piena</u>**;

(b) kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-parte civile għall-inċident hekk kif spjegat aktar qabel f'din is-sentenza. Il-parte civile

[17] Fol. 246 tal-proċess.

ħareġ minn fuq stop sign, b'mod li ikkawża emerġenza subitanea għall-akkużat.

Tenut kont dan kollu, fiċ-ċirkostanzi l-Qorti temmen li għandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti in vista tas-sejbien ta' ħtija hija wkoll obbligata li tapplika l-artikolu 533 tal-Kap. 9. Madanakollu fil-*quantum* li l-akkużat sejjer jiġi ordnat li jħallas, il-Qorti sejra tqis li saret inkjesta waħda li wasslet għal żewġ proċeduri differenti kontra nies differenti u di piu l-akkużat ma jistax jitqies li huwa unikament responsabbli għal dan l-inċident stradali. Għalhekk hija sejra tordna biss li l-akkużat jagħmel tajjeb biss għal ħamsa u għoxrin (25%) tal-ispejjeż peritali totali.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tat-tielet (3) akkuża stante li l-parti leża Dennis Azzopardi irrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat;

(b) wara li rat l-artikoli 17, 216(1)(2) u 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll r-regolament 127(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65. 11 tal-Liġijiet ta' Malta:

- qed issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) akkuża;

- qed issib lill-akkużat ħati tat-tieni (2) akkuża in kwantu biss l-akkużat kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni HRD 777 b'nuqqas ta' kont u bi traskuraġni iżda mhux issibu ħati li kienet qed isuq l-istess vettura b'mod perikoluż;
- qed issibu ħati tar-raba' (4) akkuża.

Wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

A tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jinftiehem sew li jekk il-ħati jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta kundizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom huwa instab ħati illum.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ammont ta' **tmien mija u sitta u tmenin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 886.24)** rappreżentanti ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ispejjeż peritali totali inkorsi[18] f'dawn il-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tlett (3) xhur mil-lum.

[18] Jonathan Mizzi - € 383.46 (Fol. 41 tal-proċess); Dr Edward Basile Cherubino - € 309.15 (Fol. 80); € 301.16 (Fol. 91); € 311.17 (Fol. 103), Dr Mario Buttigieg - € 2,240. Drittijiet ta' PC 1155 Nicholas Gatt u l-Perit Cornelia Tabone ma rriżultawx mill-atti taż-żewġ kawżi. Total tal-ispejjeż huwa ta' € 3,544.94. Din l-inkjesta saret u waslet għal żewġ kawżi differenti. Mela allura l-ispejjeż tal-inkjesta irridu jiġu sud-diviżi fi tnejn, b'nofs mill-ispejjeż jkunu allokati għall-kawż odjerna u nofs l-ispejjez allokati għall-kawża Il-Pulizijan vs Daniel Azzopardi. In vista wkoll li hekk kif iddikjarat il-Qorti fil-każ odjern, kien hemm in-negliġenza kontributorja tal-parte civile, il-Qorti mhix sejra tordna li l-akkużat iħallas nofs l-ispejjeż tal-inkjesta relattiva għall-każ tiegħu iżda biss ħamsin fil-mija (50%) ta' dan l-ammont u ċioe 25% mill-ispejjeż totali tal-inkjesta. Dawn jiġu ekwivalenti għal € 3,544.94 / 2 = € 1,772.47; € 1,772.47 / 2 = **€ 886.24**.

(ft) Jean Paul Grech

Magistrat

(ft) Joseph Grech

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur